



Summit tal-Euro

Brussell, 19 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

EURO 504/26

EUROSUMMIT 1  
TSGC 4

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tas-Summit tal-Euro (19 ta' Marzu 2026) – Dikjarazzjoni

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża d-dikjarazzjoni maqbula mis-Summit tal-Euro fil-laqgħa t'hawn fuq.

**Dikjarazzjoni tas-Summit tal-Euro, imlaqqa' f'format inklużiv**

1. Iddiskutejna s-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja attwali fid-dawl tal-iżviluppi reċenti fil-Lvant Nofsani. L-ekonomija taż-żona tal-euro baqgħet reżiljenti fil-kuntest globali attwali. Is-suq tax-xogħol ikompli jappoġġa l-introjti, filwaqt li issa li l-inflazzjoni reġgħet lura għall-mira għenet biex tiġi restawrata l-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi. L-investment huwa appoġġat minn kundizzjonijiet finanzjarji favorevoli. Fl-istess ħin, inċertezza konsiderevoli hija ta' piż fuq il-fiduċja u fuq il-perspettiva għat-tkabbir u l-inflazzjoni, b'mod partikolari fid-dawl tal-impatt tal-iżviluppi globali reċenti fuq il-prezzijiet tal-enerġija.
2. Filwaqt li nieħdu nota tal-ittra tal-President tal-Grupp tal-Euro tal-11 ta' Marzu 2026, nistiednu lill-Grupp tal-Euro jkompli jimmonitorja mill-qrib l-iżviluppi ekonomiċi u r-riskji għall-istabbiltà makrofinanzjarja. Il-koordinazzjoni effettiva kontinwa tal-politiki ekonomiċi u fiskali tagħna hija vitali biex jiġi żgurat tkabbir sostenibbli u inklużiv. Nistiednu lill-Grupp tal-Euro jikkontribwixxi għad-diskussjonijiet dwar kif jitnaqqsu l-iżbilanċi globali.
3. Nibqgħu sodi fid-determinazzjoni kollettiva tagħna li nwettqu l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, li hija kruċjali biex nespandu d-daqs u l-profondità tas-swieq kapitali Ewropej u niddiversifikaw is-sorsi ta' finanzjament għal investimenti fit-tul u strateġiċi fl-Unjoni. Nilqgħu b'sodisfazzjon il-progress li sar b'mod partikolari fir-rieżami tal-qafas tas-suq tat-titolizzazzjoni u nissottolinjaw l-importanza li jiġu avvanzati malajr azzjonijiet ewlenin oħra f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew.
4. Nilqgħu bi pjaċir il-ħidma mill-Kummissjoni dwar ir-rwol internazzjonali tal-euro. Ħadna nota wkoll tal-inizjattivi tal-Bank Ċentrali Ewropew. Inħeġġu lill-Grupp tal-Euro jaħdem aktar fuq modi konkreti biex jissaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-euro, inkluż bħala munita ta' riżerva u munita ta' tranżazzjoni. Nilqgħu l-intenzjoni tal-Grupp tal-Euro li jintegra dan l-oġġettiv bħala dimensjoni trażversali fil-flussi ta' ħidma tiegħu li għaddejjin bħalissa. Ser nirrieżaminaw il-progress b'mod regolari. Fl-aħħar mill-aħħar, il-pożizzjoni tal-euro fix-xena globali ser tiddependi fuq is-saħħa ekonomika u ġeopolitika tal-Ewropa, kif ukoll fuq li l-UE tibqa' sieħeb internazzjonali affidabbli u prevedibbli fil-kuntest ġeopolitiku l-ġdid.

5. Nilqgħu bi pjaċir l-adozzjoni b'suċċess tal-euro mill-Bulgarija fl-1 ta' Jannar 2026, u b'hekk l-għadd ta' membri taż-żona tal-euro tela' għal 21.
  
6. Nilqgħu b'interess il-progress li sar fl-avvanz tal-proġett tal-euro diġitali u ntennu l-importanza li titlesta malajr il-ħidma leġiżlattiva u li jiġu aċċellerati l-passi preparatorji li jmiss. Nieħdu nota wkoll u nappoġġaw l-intenzjoni tal-Grupp tal-Euro li jivvaluta bir-reqqa l-opportunitajiet u r-riskji tal-evoluzzjoni rapida fil-finanzi diġitali, inkluż għat-tisħiħ tal-effiċjenza, l-awtonomija u r-reżiljenza tas-sistemi ta' pagament Ewropej.

---